

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 40

## Kont taf ?

Eugenio Pacelli

## IL-PAPA PIJU XII

1939 1958

**Il-Papa tad-Domma tal-Assunta 1 ta' Novembru, 1950**

Fl-1954 huwa ċċelebra s-Sena Marjana fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tad-Domma tal-Immakulata li kien promulga l-Beatu Piju IX fit-8 ta' Diċembru, 1854 u kkonfermata minn Marija nfisha f'Loudes meta nhar il-25 ta' Marzu, 1854 stqarret u qalet:

"Jiena jien l-Immakulata Kunċizzjoni !"

**X'jgħid il-Papa Piju XII dwar ir-Rużarju fl-Enċiklika Ingruentium Malorum tal-15 ta' Settembru, 1951**

Ma naħsbuhiex biex nisħqu pubblikament li aħna nqiegħdu fiduċja kbira fir-Rużarju Mqaddes għall-fejqan tal-ħażen ta' żmenijietna.

Permezz tal-isforzi tagħkom, Aħwa Venerabbli, l-Poplu Nisrani għandu jkun immexxi biex jagħraf id-dinjità, il-qawwa u l-eċċellenza tat-Rużarju.



M'hemmx mezz aktar sigur biex tiġbed il-baħka ta' Alla fuq il-familja, mir-reċita ta' kuljum tar-Rużarju. Id-dar tal-familja nisranija, bħal dik ta' Nazaret, issir għamara ta' qdusija fuq l-art, u, biex ingħidu hekk, tempju qaddis, fejn l-Imqaddes Rużarju mhux biss ikun it-talba partikulari li ta' kuljum titla' lejn is-sema fi fwieħa ħelwa, imma wkoll tifforma l-aktar skola effikaċi ta' dixxipli u ta' virtujiet insara

Fl-1945 l-Awstrija wara t-Tieni Gwerra Dinjija sfat telliefa u sabet ruħha taħt il-ħakma tar-Russja Sovjetika Komunista. Din kienet diżgrazzja u umiljazzjoni kbira għall-Awstrijaċi u għall-Ewropa Kattolika.

Nhar it-2 ta' Frar, 1946 Patri Petrus Pavlicek OFM fis-Santwarju ta' Mariazell sema' lill-Madonna tgħidlu : « Agħmel dak li tlabt jien f'Fatima – ir-Rużarju u l-Konverżjoni ».

Fl-1948 beda Kruċjata fejn talab mqar 1 minn kull 10 tal-Awstrijaċi jwiegħdu li jirreċitaw ir-Ruzarju kuljum biex pajjiżhom jeħles mis-Sovjetiċi. Il-poplu bi ħġaru laqa' din it-talba.

**Fit-13 ta' Mejju, 1955 – 7 snin wara u fl-Ewwel Dehra ta' Fatima, r-Russja għamlet Pull-Out bla ebda kundizzjoni u bla ma kien sparat tir wieħed.** Ġrajja li sal-lum għadha enigmatika. Liċ-Ċekoslovakkja, lill-Ungerija ma ħallithomx waqt li lill-Awstrija ċedietha !

Il-Mistika Theresa Newman meta mistoqsija dwar dan qalet : 'Tassew, tassew ngħidlek dan seħħ minħabba r-Rużarji tal-Awstrijaċi !'

Aqra u sir af aktar dwar dan mill-internet.